`

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Antoine Camilleri**

Numru: 150/2022

Illum 28 ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Antoine Camilleri**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Anthony u Marianna nee' Grima, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar it-8 ta' Awwissu 1993, residenti Sunset, Triq tal-Kanun, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 31293G, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta' Marzu 2022, ghall-habta ta' 21:45hrs, fi Pjazza Indipendenza, fir-Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 156 Ivan Attard, PC 1151 Carm Gatt u PC 158 Jesmar Grima, persuni

inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' ta' PS 156 Ivan Attard, PC 1151 Carm Gatt u PC 158 Jesmar Grima, filwaqt li kienu qiegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**3.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PS 156 Ivan Attard, skont kif iċċertifika Dr. Joseph Vella MD mill-iSptar Generali t'Ghawdex, u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**4.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 158 Jesmar Grima, skont kif iċċertifika Dr. Joseph Vella MD mill-iSptar Generali t'Ghawdex, u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 1151 Carm Gatt, skont kif iċċertifika Dr. Anora Khan MD mill-iSptar Generali t'Ghawdex, u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, inġurja jew hedded lil PS 156 Ivan Attard u lil PC 158 Jesmar Grima, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra Joseph Bugeja sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-28 ta' Marzu 2022, ghall-habta tan-00:30hrs, fl-iSptar Generali t'Ghawdex, fir-Rabat, Ghawdex:

**9.** Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 73 Josef Camilleri, ufficjal tal-kustodja, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar is-27 ta' Marzu 2022, f'dawn il-Gzejjer:

**10.** Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u cioe' ta' PS 156 Ivan Attard, PC

1151 Carm Gatt, PC 158 Jesmar Grima, PS 73 Josef Camilleri u ta' Joseph Bugeja, jew għaz-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mall-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus, u dan ai terminu tal-artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-vittmi, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jirrikunsidra l-pożizzjoni tiegħu barra mill-awla tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tiegħu.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A, l-Artikolu 95, Artikolu 96, Artikolu 214 u 221(1), Artikolu 338(dd), Artikolu 339(1)(e), Artikolu 339(1)(d), Artikolu 383, kollha tal-Kap 9, Ligijiet ta Malta  kif ukoll L-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap 101 Ligijiet ta Malta, issib lill-imputata hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih, b'dan illi l-imputazzjonijiet  3, 4, 5 u 7 huma komprizi u involuti.

Ghaldaqstant din il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal multa ta erbat elef ewro (€4000) u ghal  perijodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena (1) .

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

____________________

**Dr. Brigitte Sultana**
**Magistrat**

____________________

**Joseph Grech**
**Deputat Registratur**